# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar It-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 291/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AF**

**Vs**

**Avukat Yanika Bugeja u PL. Gerald Bonello bhala kuraturi deputati ghall-assenti EF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici AF, datat 9 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-konvenut EF twieldet tifla, u cioe' SFF, f'X (Dok A);*

2. *Illi din ir-relazzjoni spiccat ftit wara li r-rikorrenti harget tqila bil-minuri hawn indikata;*

3. *Illi sussegwentement l-intimat EF qata' kull kuntatt mar-rikorrenti u bintu ftit gimghat wara t-twelid tal-minuri SFF;*

4. *Illi l-bint minuri tal-partijiet irrisjediet dejjem mar-rikorrenti wahidha;*

5. *Illi l-intimat qatt ma ha parti fil-hajja ta' bintu jew refa' r-responsabilita' ghat-trobbija taghha;*

6. *Illi f'dan iz-zmien kienet l-attrici wahidha li hadet hsieb tal-htigijiet tal-minuri tal-partijiet, inkluz htigijiet finanzjarji.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,*

1. *Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici;*

2. *Tiffissa retta alimentari adegwata ghal bintha minuri u tordna lill-konvneut ihallas tali retta alimentari, flimkien mal-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja I.D. 297785M u PL Gerald Bonello, datata 11 ta' Jannar 2019, a fol 23 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi l-esponenti jitolbu kull informazzjoni li r-rikorrenti jista' jkun ghandha ta' l-assenti lil min huma qeighdin jirraprezentaw, anke jekk l-ahhar informazzjoni li ghandha hija wahda antika u dan junkludi wkoll l-ahhar numru ta' telephone cellulari u email address.*

3. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijier ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet taghha datat 6 ta’ Frar 2019, fejn il-Qorti awtorizzat lill-minuri ssiefer mal-attrici (Vide fol 35);

Rat il-verbal ta’ Dr. Yanika Bugeja bhala Kuratur Deputat ghall-assenti EF datat 16 ta’ Mejju 2019 fejn iddikjarat illi ppruvat tikkunttatjah izda kien inutli ghax dina qatt ma rceviet risposta (Vide fol 38);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokument u l-atti tal-kawza kollha;

**Ikkonsidrat;**

**JF** xehdet a fol 27 *et seqq* illi hija tigi omm l-attrici u spjegat illi bintha kienet ghamlet zmien twil tghix l-Irlanda fejn imbaghad fl-2013 kienet qaltilha li kienet harget tqila. Qalet illi ghalkemm il-konvenut kien riedha taghmel abort, l-attrici ma kienetx accettat u kien baqghat tissokta bit-tqala wahedha u welldet lil minuri SFF fl-Irlanda. JF spjegat illi hija kienet marret l-Irlanda sabiex tkun tista’ tghin lil bintha waqt it-tqala u kienet ukoll prezenti ghat-twelid, izda l-konvenut ma kienx prezenti. Ziedet illi l-konvenut kien tfacca biss sabiex tigi rregistrata t-tarbija biex ma jkollhiex tigi rregistrata bhala tarbija ta’ missier mhux maghruf. Xehdet illi l-attrici kienet giet lura Malta fis-16 ta’ Dicembru 2013 u kienet ghamlet xi sena tghix maghha u dak iz-zmien hija certa li qatt ma kien hemm kuntatt bejn il-partijiet u li l-konvenut ma kien hallas l-ebda manteniment.

**AF** xehdet a fol 30 *et seqq* illi hija kienet iltaqghat mal-konvenut fl-2012 wara li kienet ilha toqghod l-Irlanda tlettax -il sena u kienet inqabdet tqila wara li kienu ilhom f’relazzjoni ghal xi tlett xhur. Spjegat illi kif sar jaf bit-tqala, il-konvenut kien ghamel minn kollox biex hi taghmel abort izda hi ma rieditx. Ghall-bidu beda juri li kien ser ikun responsabbli ghat-tarbija izda wara ftit qata’ kull kuntatt maghha u meta kellha hames xhur tqala’, kien waqaf jiehu interess u jmur maghha ghall-appuntament medici u lanqas ma kien prezenti ghat-twelid tat-tarbija. Xehdet illi l-konvenut kien ma izurha l-isptar wara li kienet weldet it-tarbija u kien qal li kien ried jirregistraha

fuq ismu, kif filfatt kien sar. Minn dak iz-zmien 'l hawn pero, qatt ma rega kellu kuntatt maghhom. Spjegat illi l-konvenut qatt ma prova jara lil minuri jew ikellimha u wkoll qatt ma hallas manteniment ghaliha. Qalet li meta kienet giet Malta, il-pjan inizjalment kien li toqghod hawnhekk biss waqt il-*maternity leave* sabiex ikollha l-ghajnuna tal-famiilja taghha imbaghad tmur lura l-Irlanda peress illi hemmhekk kellha l-karriera taghha b'impjieg tajjeb bhala enginiera ma' Apple Computers u hajja tajba. Qalet illi pero, peress illi l-konvenut lanqas kien jipprova jaghmel kuntatt maghha, hija kienet iddecidiet li tibqa' hawn Malta ghaliex hasset li kellha bzonn is-sapport u hawnhekk kellha l-familja taghha biex tghinha.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mir-rikorrent sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri SFF, bint il-partijiet, u tiffissa l-manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut ghall-bzonnijiet tal-istess minuri. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni ta' tlett xhur waqt li l-attrici kienet toqghod l-Irlanda, u min din ir-relazzjoni twieldet binthom. Jirrizulta wkoll illi l-attrici u l-minuri ilhom jirrisjedu Malta minn ftit wara t-twelid tal-minuri, u m'huwiex ikkontestat illi wara r-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri, l-konvenut ma regax ghamel kuntatt mal-attrici u qatt ma wera xi interess f'bintu jew b'xi mod prova jaraha jew jikkomunika maghha.

<u>Rigward il-kura u kustodja tal-minuri</u>

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju ewlieni – cioe' dak tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> "***apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi***

***tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[1]

> "***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili10. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."***"

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal circa tlett xhur waqt li l-attrici kienet toqghod l-Irlanda, mill-liema relazzjoni kellhom lil minuri, SFF, li llum il-gurnata ghandha kwazi seba' snin rispettivament. Din ir-relazzjoni sfaxxat ftit wara illi l-attrici harget tqila, u ftit wara t-twelid tal-minuri, l-attrici kienet regghat giet lura Malta sabiex ikollha ghajnuna u sostenn tal-familja taghha fit-trobbija tat-tifla. Mill-provi prodotti jirrizulta l-konvenut ma juri l-ebda interess fil-hajja ta' bintu. Huwa qatt ma wera x-xewqa illi jara lil bintu u wisq anqas li jkollu access maghha. Jirizulta inoltre mill-provi prodotti mill-attrici u mhux kontradetti, illi l-konvenut ma jikkontribwixxi xejn lejn il-manteniment tat-tifla, u li l-attrici m'ghandha assolutament l-ebda kuntatt mieghu.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklusivvament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoin, u kienet *ex officio* cahhdet lill-missier fil-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> ***"Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta'***

[1] Rik. Gur. 39/17

***genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.*"[2]**

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> "***B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.***"

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk jfic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna ghal kollox lil bintu u m'ghandu l-ebda kuntatt mal-attrici, tant illi lanqas biss kien possibli li jigi rrintraccat ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. Il-konvenut ilu ma jara lil minuri minn mindu twieldet, ma jistaqsix dwarha, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija taghha. Dan l-abbandun minn naha tal-konvenut ta' bintu jpoggi lill-attrici f'sitwazzjoni difficli f'dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjonijiet illi talvolta jkun hemm bzonn li jittiehdu fir-rigward tat-tifla, peress illi l-konvenut ghamilha mpossibli ghaliha li taghmel kuntatt mieghu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ommha jkollha tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bzonn il-firma ta' missierhom, bhal per ezempju l-iskrizzjoni tal-minuri fi skejjel, xi vjagg skolastiku edukattiv, jew xi decizjonijiet fl-ambitu mediku.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi jezistu l-estremi sabiex il-konvenut jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mill-attrici ommhom.

<u>Dwar il-manteniment ghall-ulied il-partijiet</u>

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza

[2] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***"

Il-Qorti rat illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-introjtu jew il-mezzi tal-konvenut. Izda kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet:

> "***...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.***"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Frar 2015 fejn inghad, u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 illi l-Qorti m'ghandiex:

> "***tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera.***"

Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm jirrizulta mix-xhieda t'ommha illi l-attrici tahdem, hija ma produciet l-ebda prova rigward l-introjtu taghha. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> "***Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-***

> ***dar sabiex tiggenera dhul.***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom.***"

Il-Qorti rat illi l-attrici qed trabbi lil bint il-partijiet kompletament waheda. Dan tant illi mhux talli il-konvenut ma qed jaghmel l-ebda tip ta' kontribut fit-trobbija ta' din it-tifla u qed icahhadha mill-presenza ta' missier f'hajjitha, izda jaghmilha impossibli ghall-attrici li jkollha kuntatt mieghu. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn l-attrici. Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-attrici mhux biss kellha trabbi lil bint il-partijiet wahedha bil-konsegwneti, limitazzjoni tal-kapacita taghha li tiggenera introjtu, izda qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-konvenut .

Mill-prospett mahluf bil-gurament tal-attrici u mhux kontestat, jirrizulta illi l-attrici tinkorri spiza ta' erba' mija u hamsa u tletin ewro (€435) fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri, liema somma teskludi pero spejjez ta' kera, dawl u ilma. Mill-istess prospett jirrizulta wkoll illi l-attrici tinkorri nefqa ta' cirka €86.67 fix-xahar ghall-ispejjez edukattivi u extra-kurrikurali tal-minuri, izda ma gietx indikata in-nefqa approssimattiva relatata ma' spejjez medici tal-minuri.

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-manteniment dovut mill-intimat ghal minuri ghandu jkun fis-somma ta' erba' mija u hamsin euro (€450) fix-xahar, liema ammont ghandu jinkludi sehem mill-konvenut tal-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tal-minuri. Dan ghaliex, ghalkemm il-Qorti taghraf illi fil-kazijiet fejn il-genituri li jkun qed jiehu hsieb it-trobbija tal-ulied ikollu diffikolta jikkomunika mal-genitur l-iehor, il-Qorti generalment takkorda ammont ta' manteniment li jinkludi dawn l-ispejjez tal-ahhar sabiex tnaqqas il-bzonn ghall-komunikazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri SFF f'idejn l-attrici, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug u tigdid ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha u minghajr htiega tal-firma jew il-presenza tal-konvenut;**
2. **Tordna *ex officio* li r-rikorrenti tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri SFF;**
3. **Tilqa' t-tieni t-talba u tiffissa l-manteniment dovut mill-intimat ghall-minuri fis-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar, liema ammont jinkludi s-sehem tal-konvenut ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, u attivitajiet extra kurrikurali ta' SFF.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**